**MINUTI – LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 45– L-Erbgħa 28 ta' Novembru 2018**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fl-4:30pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Franco Ciangura | Sindku |
| | Kevin Cauchi | Viċi Sindku |
| | Larry Buttiġieġ | Kunsillier |
| | Peter Caruana | Kunsillier |
| | Kareen Xuereb | Kunsilliera |
| | Lucienne Haber | Segretarju Eżekuttiv |
| | Ryan Mifsud | Ambaxxatur |

45.1 Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Franco Ciangura.

**45.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

45.2.1 Inqraw il-Minuti u ġew ikkonfermati.

**45.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

45.3.1 Is-Sindku ta merħba lill-ambaxxatur il-ġdid taż-żgħażagħ Ryan Mifsud u awguralu ħidma u esperjenza mill-isbaħ fi ħdan il-Kunsill. Huwa talbu sabiex jressaq il-proposti ta' sħabu ż-żgħażagħ għal kunsiderazzjoni tal-Kunsill.

45.3.2 Is-Sindku preżenta d-diska originali ta' Bethlehem komposta minn Emanuel Rapa u kantata minn kantanti minn Għajnsielem. Il-kanzunetta ntlaqgħet tajjeb ħafna.

45.3.3 Is-Sindku rrefera għall-applikazzjoni tal-Gozo Action Group li ser jagħmlu proġett u li ser jinkluduna bħala Kunsill. Dan huwa proġett tal-ICT speċi ta' website li permezz tagħha jimmarkitjaw lil Għawdex nkluż kultura u promozzjoni. Aħna ser inservu bħala link bejn il-Kunsilli l-oħra għawdxin. Sar qbil li għandna nippartecipaw u li din l-informazzjoni għandha tiġi ċirkulata mal-

kunsilliera.

## 45.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.4.1 Il-kunsillier Peter Caruana talab sabiex nerġgħu nfakkru sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali tat-traffiku li hemm taħt il-Mina fix-Xatt, ħdejn Ta' Tona Restaurant.

45.4.2 Il-kunsilliera Karen Xuereb irreferiet għall-mera li nqalgħet fejn joqgħod Paul Zerafa fi Triq Dun Frangisk Mizzi u ġabarha hu biex niġbruha u nerġgħu nwaħħluha f'postha.

45.4.3 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex il-ħinijiet tal-iskola fuq it-tabella tal-ħinijiet jinbidlu f'bejn it-8:15am u 8:45am peress li jkun għad hemm it-tfal tal-kinder deħlin l-iskola wara l-hin tat-8:30am. Din it-talba tressqet ukoll mill-istess pulizija li jkunu għassa. Sar qbil li għandna nibdlu dawn l-ħinijiet.

45.4.4 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex isir *shifting* ta' bozza minn mal-ħajt għal fuq arblu minn mar-residenza ta' Patrick Grech.

45.4.5 Il-Viċi Sindku Kevin Cauchi talab sabiex inkomplu ninsistu sabiex il-*bushes* li hemm quddiem il-Gozo Press jiġu baxxi ħafna jew eleminati għal kollox u wkoll sabiex nibgħatu talba lil Transport Malta sabiex jitneħħa l-ewwel parkeġġ mill-kantuniera.

45.4.6 Is-Sindku Franco Ciangura talab sabiex jiġu trimjati s- siġar ta' Triq J F de Chambray għax il-*buses* qed iħokku magħhom.

45.4.7 Is-Sindku Franco Ciangura ressaq it-talba sabiex issir mera faċċata tal-*exit* tas-Civil Protection ħdejn il-Heliport. Il-Kunsill qabel ma' dan.

45.4.8 Is-Sindku rrefera wkoll għal biċċa żgħira fi Triq ix-Xatt l-Aħmar hemm biċċa ħdejn ta' Marvin Dempsey li jinħtieġ tirranġa bi ftit bis-sement.

45.4.9 Il-kunsillier Larry Buttigieg talab sabiex fejn qed tinqasam it-triq fi Triq il-Mogħdija nimlew ix-xquq bil-konkos.

## 45.5 Korrispondenza u Rapporti

45.5.1 Ġiet trattat is-suġġeriment mingħand Carmen Dimech li toqgħod Triq Ħamri ssuġġeriet li jintrama *tower crane* minflok jsiru diversi permessi tal-crane għal xogħolijiet tal-Grand Hotel. Dawn il-permessi kontinwi qed jikkawżaw diversi problemi wkoll għal min irid juża t-trasport pubbliku għax it-triq sikwit tkun magħluqa. Sar qbil li għandna nkomplu niċċekjaw rigward il-kundizzjonijiet ta'

permessi ta' Tower crane u naraw kif jistgħu jiġu applikati għal dan il-każ biex ma jbati ħadd.

45.5.2 Ġiet trattata t-talba mingħand Tony Cascun ta' 15, Triq Filfla sabiex isir *water culvert* peress li bil-wied ta' ilma li jgħaddi ma jkunx jista joħroġ mill-karozza. Sar qbil li għandna insaqsuh nistgħux nagħmlu ftit cement quddiem ir-rampa tiegħu biex tissolva din il-problema.

45.5.3 Ġie trattat l-ilment anonimu li jeżisti periklu f'ħajt ta' għalqa ta' Simon Said fi Triq Cordina li dan jinsab imminenti li jaqa' għat-triq. Sar qbil li rapporti anonimi ma għandhomx jiġu kkunsidrati.

45.5.4 Ġie trattat is-suġġeriment ta' Dorianne Rapa li toqgħod f' Misraħ il-Fliegu fi Triq Malta fejn qed tissuġerixxi biex jibda jinġabar l-*organic* u ir-*recycle* peress li tal-blokka qed jiġbru il-borza is-sewda biss. Sar qbil li għandna ngħaddu dan l-ilment lill-management ta' Misraħ il-Fliegu.

45.5.5 Ġiet trattata t-talba mingħand Mario Zarb biex il-platform tal-ħadid li hemm fix-Xatt l-Aħmar tiġi estiża peress li hemm biċċa li bilfors trid tgħaddi minn ġo l-ilma. Sar qbil li għandna nestendu l-platform b'żewġ metri fuq kull naħa.

45.5.6 Ġiet trattata t-talba mingħand Patrick Grech għal *shifting* ta' bozza minn mal-ħajt għal mal-pole fi Triq Sant' Antnin kantuniera ta Triq iż-Żewwieqa. Sar qbil li għandna mmexxu din it-talba.

45.5.7 Ġiet trattata t-talba mingħand Michelle Attard u anke mingħand is-Surġent Buttigieg sabiex isiru *parking bays* fi Triq il-Ġnien. Sar qbil li peress li jidher li hemm kwistjoni bejn il-ġirien għandna nitolbu lil Transport Malta biex jispezzjonaw din is-sitwazzjoni.

45.5.8 Ġiet trattata t-talba mingħand Anthony Azzopardi sabiex isir patching fi Triq ix-Xatt l-Aħmar. Sar qbil li għandna nilqgħu din it-talba u nwettqu din il-biċċa xogħol.

45.5.9 Ġiet trattata l-ittra mingħand Faces fejn talbu laqgħa magħna rigward il-ħtieġa ta' Bus shelters ġodda. Il-Kunsill qabel li għandu jipproponi li tiġi nstallata fil-Gudja u oħra quddiem Bugeja Fisheries fi Triq l-Imġarr.

45.5.10 Ġiet trattata l-ittra mingħand William Smith rigward *double yellow* lines illegali quddiem residenza fi Triq Simirat. Huwa lmenta li dawn huma llegali u qed itellfu mill-parking. Il-Kunsill qabel li ma għandniex nidħlu fiha peress li m'aħniex l-awtorita li napprovawhom iżda Transport Malta.

45.5.11 Ġiet trattata t-talba mingħand JP2 Foundation rigward talba għal sponsoring ta' kunċert li fih ser ikun involut il-baritonu għajnselmiż Charles Buttigieg. Ġiet trattata wkoll it-talba mingħand it-tenur għajnselmiż Angelo Muscat, sabiex il-Kunsill jgħin fil-kunċert li huwa ser itellha nhar it-18 ta' Diċembru fil-Knisja

Parrokjali t'Għajnsielem. Il-Kunsill qabel li għandu jgħin lill-kull kunċert sa mhux aktar minn €200 kull wieħed.

45.4.12Ġiet trattata t-talba mingħand Charlie Axaiq ta' Triq Lelluxa Għajnsielem dwar il-ħtieġa ta' bozza ġdida fit-triq tiegħu. Sar qbil li peress li hija triq ġdida u nieqsa mid-dawl għandna napplikawlu.

45.4.13Is-Sindku rrefera wkoll għat-talba għall-bozza ġdida mingħand Taċ-Ċallu fi Triq Ġdida fi Triq Borġ Għarib. Sar qbil li għandna napplikaw li tiġi nstallata.

45.4.14Ġie trattat l-ilment mingħand Roderick Sultana rigward it-tneħħija ta' ħajt perikoluż fi Triq Wied ir-Rgħajjes peress li qed jinsab iperper bejn żewġt id-djar li nbnew riċentament u ġew irtirati l-ġewwa. Ġiet trattata wkoll l-istess talba mingħand Christian Bonello. Sar qbil li din it-talba għandna nressquha lid-Dipartiment tat-Toroq.

45.4.15Ġiet trattata t-talba mingħand Christian Bonello peress li qed jidħollu l-ilma u talab sabiex isir *gutter* li jikkonnettja ma l-ieħor. Sar qbil li dan ix-xogħol isir meta titwessa t-triq.

## 45.6 Bethlehem f'Għajnsielem

45.6.1 Is-Sindku rrefera għal fatt li tfajna l-applikazzjoni għad-DNO tal-villaġġ ta' Bethlehem f'Għajnsielem f'Ta Passi. Bħala kostruzzjoni ġiet mibnija temporanjament l-arena tas-suldati. Is-Sindku spjega li x-xogħolijiet meħtieġa għadhom ftit lura peress li t-temp ma tantx ippermetta iżda issa li ngħaqad magħna Larry Buttigieg mat-team tal-kostruzzjoni, dejjem għandu jkun hemm aktar gwida fuq il-ħaddiema u x-xogħolijiet. L-għaqdiet qed jirrangaw il-kmamar tagħhom u beda jsir ix-xogħol tat-tindif.

45.6.2 Sar qbil ukoll li għandna nħallsu l-insurance għall-attivita kollha u wkoll jiġi ordnat risk assessment tal-post.

45.6.3 Is-Sindku rrefera għall-approvazzjoni tal-permess li nġibu aktar annimali u sar qbil li għandna nimxu mal-approvazzjoni.

45.6.4 Sar qbil ukoll li għandna nordnaw lill-ERRC u wkoll nqabbdu 5 jew 6 security officers kull darba li nifthu. Sar qbil li għandna niġbru stima tas-security officers u nimxu mal-orħos waħda. Sar qbil ukoll li għandna nikru l-fire extinguishers u blanket għal kull kamra.

45.6.5 Is-Sindku propona li nipprintjaw 10 posters kbar, il-poster oriġinali ta' kull edizzjoni u jiġu printjati fuq canvas u jitwaħħlu fit-triq tax-Xatt. Sar qbil ukoll li għandhom jinġabru sponsors għalihom u jsir reklam tal-isponsor fin-naħa t'isfel tal-poster.

45.6.6 Huwa rrefera wkoll għal fatt li ġew printjati labels tal-inbid li ser jitwaħħlu fuq flixken tal-inbid biex jinbiegħu bħala souvenier tal-10 anniversarju tal-proġett Bethlehem f'Għajnsielem.

45.6.7 Is-Sindku propona li għandna nistiednu l-Ambaxxaturi kollha u nallokaw u weekend għalihom. Huwa semma' li s-Sindku ta' Grecio huwa mħajjar sabiex jiġi.

45.6.8 Bħala ftuħ uffiċjali sar qbil li għandu jsir nhar il-Hadd 9 ta' Diċembru 2018 fit-3:00pm. Sar qbil li l-banda tal-lokal għandha takkumpanja l-purċissjoni tal-ftuħ billi tagħmel marċ.

## 45.7 Attivitajiet tal-Milied

45.7.1 Is-Segretarja preżentat kalendarju tal-attivitajiet tal-Milied. Il-Kunsill qabel ma' l-attivitajiet proposti fosthom; attivita għall-anzjani, festin għat-tfal, żjajar lill-anzjani li ma joħorġux minn djar u l-opening ta' Santa's Village nhar is-16 ta' Diċembru 2018.

45.7.2 Għall-inawgurazzjoni ta' Santa's Village sar qbil li għandna ntellgħu attivita' bejn it-3pm u l-5pm fejn fiha jkun hemm kant u żfin, ritratti ma' Santa Claus u wkoll noħolqu attrazzjoni li tista tinkludi fit-train li ddawwar it-tfal jew xi pony. Sar qbil li għandna nagħmlu sign fil-kantuniera fejn ta' Mawru li tindika fejn hu l-villaġġ.

## 45.8 Evalwazzjoni tal-offerti tal-Latrini Pubbliċi

45.8.1 Is-Segretarja preżentat l-Opening Report tal-Latrini Pubbliċi tal-Pjazza Madonna ta' Loretu u tax-Xatt.

45.8.2 Bħala Bord ta' Evalwazzjoni l-Kunsill qabel li għandu jkun kompost mil-Kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman, mill-kunsilliera Karen Xuereb, minn William Sultana, mis-Sur Noel Formosa u s-Segretarja Lucienne Haber.

## 45.9 Xiri tal-electric minivan

45.9.1 Bħala minivan ġejna provduti deal mingħand il-GGS kif approvat mid-Direttur tal-Gvern Lokali . Il-vettura ndikata ma baqghetx available u wara tfittxija twila sabu wahda li ser tiswa tigi tiswa €42,126 inkluż il-VAT u s-sena tal-manifattura

tagħha hija 2018, jiġifieri ta' kundizzjoni ġdida. Bħala prezz għamilna l-almu tagħna kollu biex inżommu mal-prezz approvat iżda ma rnexxilniex insibu vettura *seven seater* Nissan Env200 Evalia b'dak il-prezz. Il-Kunsill qabel li peress li l-proċess tax-xiri ta' din il-vettura ħa fit-tul ħafna, ma hemmx triq oħra għajr li mmorru għal din l-option.

## 45.10 Parking management fi Pjazza 10 ta' Diċembru

45.10.1Ġie preżentat il-*parking management* fi Pjazza 10 ta' Diċembru kif preparat mill-Perit Shawn Micallef. Sar qbil li dan għandu jerġa jiġi diskuss fid-dettal fil-laqgħa li jmiss.

## 45.11 Parking Management ta' Triq Hamri kantuniera ma' Triq Sant'Antnin

45.11.1Ġie preżentat il-parking management ta' Triq Hamri kantuniera ma' Triq Sant'Antnin kif preparat mill-Perit Edward Scerri. Sar qbil li għandna nibgħatu din il-proposta lil Transport Malta għall-approvazzjoni tagħhom.

## 45.12 Ġieħ Għajnsielem 2018

45.12.1Sar qbil li għandhom jerġgħu jinħarġu n-nominazzjonijiet ta' Ġieħ Għajnsielem u jagħlqu nhar it-Tnejn 10 ta' Diċembru. Is-serata tal-għoti ta' Ġieh Għajnsielem għandha tinżamm fil-Grand Hotel nhar it-Tnejn 17 ta' Diċembru 2018.

## 45.13 Proġett tat-Taraġ u Monument

45.13.1Is-Sindku rrefera għall-bidu ta' dan il-proġett u li mistenni li jkun lest bil-konkos sal-inawgurazzjoni ta' Bethlehem f'Għajnsielem. Ġiet trattata l-istima mingħand l-artist magħzul Manuel Grech. L-Istima tax-xogħol tal-abbozz hija dik ta' €5000 + VAT. L-istima tal-monument tal-bronz provduta mingħand kumpanija taljana li l-artist huwa konfidenti li jaħdem biha tamamonta għal €60,000.

45.13.2Il-Kunsill qabel li għandu jressaq din it-talba ta' Direct Order lid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali għall-approvazzjoni tiegħu.

## 45.14 Proġett Triq il-Briegħen u Xatt l-Aħmar

45.14.1 Is-Sindku rrefera għal dan il-proġett u għal kumplikazzjonijiet li qed jinqalgħu fl-andament tiegħu. Huwa semma' li biex nagħmlu l-culvert tal-fibre optic ser jiġi nvolut l-arkeologu u ser tidħol Heritage Malta u dan kollu jindika li l-proċess ser jieħu fit-tul. Sar qbil wara laqgħat bejn l-entitajiet involuti li l-aħjar option hija li aħna mmexxu mingħajr l-*culvert* u mbagħad il-culvert jgħaddi mill-ġnub. Il-proġett mistenni jinbeda fil-jiem li ġejjin.

45.14.2 Saret referenza għall-fatt li l-estenzjoni tal-proġett ġiet imġedda sa l-aħħar ta' Frar 2019.

## 45.15 Proġett taħt il-Miżura 4.4

45.15.1Is-Sindku bi pjaċir ħabbar li l-applikazzjoni tagħna taħt il-Miżura 4.4 dik tal-Ħitan tas-sejjieħ fi Triq ix-Xatt l-Aħmar u restawr tal-arkata fil-Wied il-Kbir ġiet aċċettata u għal dan ix-xogħol ser ninghataw is-somma ta' €164,211.60 inkluż il-VAT.

45.15.2 Sar qbil li għandna niltaqgħu mal-periti konċernati biex inkunu nistgħu nibdew il-proċess u jinġabru l-permessi meħtieġa.

## 45.16 Rikonoxximent fl-okkażżjoni tal-25 sena mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali

45.16.1 Is-Sindku propona li fl-okkażżjoni tal-25 Anniversarju mit-Twaqqif tal-Kunsilli Lokali għandna nagħtu rikonxximent lil dawk kollha li servew fil-Kunsill, kemm kunsilliera, Segretarji Eżekuttivi u skrivani. Sar qbil ma' dan u li t-tifkira għandha tingħata fis-serata ta' Ġieħ Għajnsielem.

45.16.2 Huwa propona wkoll li għandna nagħtu tifkira lil dawk kollha li b'xi mod taw sehemhom f'Bethlehem f'Għajnsielem fl-okkażżjoni tal-10 anniversarju.

## 45.17 Inawgurazzjoni tal-Proġett tat-tisbiħ tal-Belvedere tax-Xatt l-Aħmar

45.17.1Is-Sindku propona li l-inawgurazzjoni ta' dan il-proġett tiġi nkluża f'waħda mill-attivitajiet tal-Milied.

## 45.18 Resurfacing ta' Triq il-Provigarju

45.18.1Is-Sindku rrefera għal fatt li l-offerta għax-xogħolijiet f'din it-Triq ħarġet u għalqet. Li jmiss huwa li jinħatar Evaluation Bord li jkun jinkludi f'rappreżentant mill-Ministeru għal Għawdex. Bħala membri oħra sar qbil li jkun hemm il-Kunsillier Larry Buttigieg bħala Chairman, William Sultana, il-kunsilliera Karen Xuereb u is-Sur Noel Formosa.

45.18.2Ġiet trattata l-email mingħand Norbert Cauchi, resident f'din it-Triq fejn ġibed l-attenzjoni li jinħtieġ li jingħata saff ieħor tarmak lill-kumplament tat-triq peress li kienet saret biss kisja waħda u wara li minn xi żmien reggħet inqalgħet għal xi xogħolijiet, l-istat tagħha llum il-ġurnata huwa wieħed diżastruż.

45.18.3 Sar qbil li għandna nibgħatu lil Ministeru għal Għawdex b'din il-varjazzjoni u naraw jekk jinkluduhiex fl-għotja tagħhom.

## 45.19 Approvazzjoni tal-Pagamenti

45.19.1 Ġiet preżentata l-iskeda tal-pagamenti għall-approvazzjoni. Il-pagamenti ġew approvati.

## 45.20 Materji oħra

45.20.1 Il-kunsill qabel li għandna noħorġu tender ġenerali għar-resurfacing biex jintuża f'każijiet urġenti ta' ħtieġa ta' resurfacing ta' toroq.

## 45.21 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

45.21.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7:30 ta' filgħaxija u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 10 ta' Dicembru fis-7:00 ta' filgħaxija.

**Franco Ciangura**
**Sindku**

**Lucienne Haber**
**Segretarju Eżekuttiv**